**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2016**

| IS-SITT SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

L-Isem u l-kunjom: ______________________ Il-Klassi: ________

Marka Totali
______
80

## TAQSIMA 1 NIMMANIĠĠJAW L-ISKART

**Poġġi l-iskart fil-kontenitur it-tajjeb.** **(6 marki)**




1. gazzetta ______________________
2. landa tat-tonn taż-żejt ______________________



3. vażett taz-zalza ______________________
4. zokk tal-pastarda ______________________
5. flixkun tal-ilma ______________________



6. kartonċina ______________________

**Aqta' sing taħt it-tajba.** **(4 marki)**

1. Hemm bżonn ta' (sittin, sbatax-il, sitt mitt) siġra biex tagħmel (kilo, kwart, tunnellata) karti.
2. Biex isiru l-karti hemm bżonn ta' ħafna (ħadid, ħġieġ , njam) li jintefa' f'taħlita ta' (ilma, sapun, ħalib) u kimika.

**Agħti eżempju ta' kif tista' tagħti sehmek. (4 marki)**

| | |
|---|---|
| 1. Reduce (tnaqqas) | |
| 2. Reuse (terġa' tuża) | |
| 3. Recycle (tirriċikla) | *narmi l-karti fil-kontenitur apposta* |





**F'kull każ, agħti suġġeriment lill-kap tal-iskola dwar x'jista' jsir biex jitnaqqas l-iskart. (6 marki)**

1. boroż tal-plastik għall-*'lunch'*

______________________________________________

______________________________________________

2. *'photocopies'* li ħarġu ħżiena

______________________________________________

______________________________________________

3. minflok tqassam ċirkularijiet ipprintjati u mibgħuta lill-ġenituri

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA 2 META MISSIRIJIETNA ĠEW ATTAKKATI 1

**Imla l-vojt dwar il-fortifikazzjonijiet fi żmien l-Assedju. (12-il marka)**

1



Isem : Forti Sant' **I**__________

Post : **Għ**____________________

2



Isem : Forti Sant' **A**__________

Post : **B**______________________

3



Post : **M**____________________

4



Post : **Ċ**______________________

**Semmi żvantaġġ li kellhom dawn il-fortifikazzjonijiet.**

Fortifikazzjoni 1 ________________________________________________

Fortifikazzjoni 2 ________________________________________________

Fortifikazzjoni 3 u 4 ________________________________________________

**Qabbel bin-numri l-postijiet marbuta mal-Assedju. (3 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Isla | | it-Torok attakkaw u ma rnexxielhomx jirbħu |
| 2. | Marsa | | it-Torok daħħlu l-flotta tagħhom |
| 3. | Marsaxlokk | | it-Torok għamlu l-kampijiet tagħhom |



**Spjega sew id-diffikultajiet li ħabbtu wiċċhom magħhom it-Torok.** ***Il-kliem jista' jgħinek.*** **(5 marki)**

1. fortizzi ______________________________

______________________________

2. għajnuna ______________________________

______________________________

3. ilma ______________________________

______________________________

4. maltemp ______________________________

______________________________

5. mini ______________________________

______________________________

## X'kont tgħid kieku kont ...? (10 marki)

1. Kieku kont is-Sultan Sulejman, x'kont tgħid lis-suldati Torok qabel tibgħathom jattakkaw lil Malta?

2. Kieku kont La Valette, x'kont tgħid lill-Kavallieri u lill-Maltin meta waslet il-flotta Torka f'Malta?

3. Kieku kont Pialì Paxà, x'kont tgħid lill-flotta meta rajt li ma rnexxielkomx tirbħu l-Birgu?

4. Kieku kont suldat Tork, x'kont tgħid meta smajt li ġejja l-għajnuna mill-pajjiżi Nsara?

5. Kieku kont id-direttur tal-Heritage Malta, x'kont tgħid dwar l-importanza tal-Assedju l-Kbir waqt attività biex tiċċelebra l-450 sena anniversarju?

Heritage Malta

## TAQSIMA 3 BELT KAPITALI ĠDIDA GĦAL MALTA

**Ikteb VERU jew FALZ dwar iż-żmien wara l-Assedju l-Kbir. (6 marki)**

1. Il-fortifikazzjonijiet tal-Port il-Kbir saritilhom il-ħsara. ________
2. Kien hemm biżżà ta' attakki mill-ajruplani. ________
3. L-Ordni kellha biżżejjed flus biex tinbena belt ġdida. ________
4. Numru mhux ħażin ta' kavallieri riedu jitilqu minn Malta. ________
5. Il-Granmastru talab l-għajnuna tal-Papa Franġisku. ________
6. Il-Papa bagħat lill-perit Francesco Laparelli f'Malta. ________

**Min jien? Imla l-vojt bl-isem it-tajjeb. (4 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Francesco Laparelli | Ġlormu Cassar | Jean de Valette | Papa Piju V |

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| | | | |

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
| Dar il-Mediterran għall-Konferenzi MCC<br>**A** | Konkattidral ta' San Ġwann<br>**B** | Palazz tal-President<br>**Ċ** |

**F'liema minn dawn il-postijiet t'hawn fuq jinsabu dawn li ġejjin.**
**Ikteb l-ittra t-tajba.** **(8 marki)**

______ armerija tal-Kavallieri

______ ħitan imżejna bid-deheb

______ kappelli għal kull lingwa

______ palazz tal-Granmastru

______ pittura ta' qtugħ ir-ras ta' San Ġwann

______ sala tal-arazzi

______ sptar tal-Kavallieri

______ swali għall-kunċerti u attivitajiet



**Poġġi l-ġrajjiet fl-ordni kif ġraw.** **(6 marki)**

| | |
|---|---|
| | Jean de Valette ddeċieda li tinbena belt ġdida. |
| | Il-Kavallieri marru joqogħdu fil-belt il-ġdida. |
| | Il-Papa bagħat il-perit tiegħu biex jgħin fil-bini ta' belt ġdida. |
| | It-Torok telliefa telqu minn Malta. |
| | Inbnew il-bereġ tal-Kavallieri fil-belt il-ġdida. |
| | Tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida. |

V.18 VALLETTA
EUROPEAN CAPITAL
OF CULTURE 2018

**Kif nistgħu nieħdu ħsieb il-wirt storiku tal-Belt Valletta?** **(3 marki)**

1. L-iskulturi fil-ġebel tal-faċċata tal-Berġa ta' Kastilja qed jitmermru.

   ______________________________

2. L-irħam tal-Konkattidral ta' San Ġwann tħaffer bil-passi tan-nies.

   ______________________________

3. Il-ħitan tal-Palazz tal-President swiedu bid-dħaħen tal-karozzi.

   ______________________________

**Wieġeb.** **(3 marki)**

**Il-Belt Valletta hija meqjusa bħala *World Heritage Site*. X'tifhem bil-kliem *World Heritage Site*? Għaliex il-Belt Valletta hija meqjusa hekk?**

______________________________

______________________________

______________________________

**TMIEM IL-KARTA**